# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 7 ta' Jannar 2002**

**Avviz. numru 505/01**

**Numru 36**

**Pater Finance Co. Ltd**

**vs**

**Jesmond Scerri**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u hamsin lira (Lm350) rappresentanti import ta' seba' (7) kambjali ta' Lm50 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Novembru 2000 sa' Mejju 2001 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 7 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-16 ta' April 2001 jammontaw ghal Lm7, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u

bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjal tal-15 ta’ Marzu 2001 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi kambjalijiet a fol 2 sa fol 8 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-12 ta' Dicembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm350.00,0 bl-imghax legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala sas-16 ta‘ April 2001 ammontanti ghal Lm7 oltre l-imghax ulterjuri mill-17 ta’ April 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta’ Marzu 2001.

Albert Calleja
Deputat Registratur